MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Settembru, 2006

Numru. 258/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**v**

**THOMAS AZZOPARDI bin Bartholmeo u Maria Lourdes nee' Gauci, imwieled fid-dsatax ta' Awissu, 1985 u residenti 58, Triq l-Excelsior, G harghur, Malta. Detentur tal-karta tal-identita' numru 438685(M)**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **THOMAS AZZOPARDI** bin Bartholmeo u Maria Lourdes nee' Gauci, imwieled fid-dsatax ta' Awissu, 1985 u residenti 58, Triq l-Excelsior, Gharghur, Malta,

detentur tal-karta tal-identita' numru 438685M, gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar il-Hadd sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu 2006 ghal habta tas-sebgha u nofs ta' filghaxija (7:30pm) waqt li kien fl-inhawi maghrufa bhala ta' Kuljat u Dabrani f'Ghawdex u ghalhekk matul l-istagun maghluq ghal kacca tal-ghasafar mhux minn fuq il-bahar, garr munizzjon f'vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBC-554.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tordna l-konfiska tal-munizzjon esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sebgha ta' Settembru 2006.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ikkunsidrat:
**Illi peress li mill-provi prodotti l-akkuza tirrizulta ppruvata b'mod sodisfacenti, u dan fuq ammissjoni tal-istess imputat, il-Qorti wara li rat r-regolament 9(1)(a) tal-Avviz Legali numru 146 tas-sena 1993, tiddecidi li tikkundanna lil imputat THOMAS AZZOPARDI ghal hlas ta' multa ta' hamsin [50] lira maltin.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------